**FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONIO MALLIA LL.D.**

**Illum, il-Hamis, 2 ta' Mejju, 2002**

Citazzjoni Numru : **1205/95TM**

Numru:

**Osea Micallef**

**vs**

**Charles Tonna**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni prezentata mill-attur fil-11 ta' Settembru 1995, li fiha wara li premetta illi nhar is-27 ta' Awissu 1993, ghal habta tas-sitta ta' fil-ghaxija, fil-pjazza rotunda l-Mosta, il-konvenut kien hebb ghal u sawwat lill-attur bil-konsegwenza li l-istess attur, sofra feriti ta' natura gravi u permanenti f'wiccu;

Illi l-konvenut kien responsabbli ta' l-istess incident, u ghall-griehi li gew inflitti fuq l-attur;

Illi il-konvenut ghalkemm interpella diversi drabi biex jersaq il-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni minnu kagunati fuq l-attur, huwa baqa' inadempjenti;

Talab ighid il-konvenut ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghad-danni, sofferti mill-attur, b'konsegwenza tal-incident li sehh fis-27 ta' Awissu 1993, f'liema incident gew inflitti griehi ta' natura gravi u permanenti, f'wicc l-attur kagun ta' l-iswat li huwa qala' mil-konvenut,
2. Tillikwida, okkorrendo permezz ta' perit nominanti, d-danni inkluzi dawk konsegwenzjali (lucrum cessans) sofferti mill-istess attur, u
3. Tikkundanna lil konvenut ihallas lill-attur id-danni kollha hekk kif likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittri ufficcjali datati 6 ta' Settembru, 1993 u 14 ta' Awissu, 1995 u bl-interessi legali kontra l-konvenut li minn issa qieghed jigi ngunt biex jidher personalment ghas-subizzjoni.

Il-Qorti,

Rat in-noti tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li fiha ecepixxa:

i) Illi l-pretenzjonijiet attrici huma infondati fil-fatt u fi dritt, u t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda l-ispejjez, tant li kien l-attur li hebb

u sawwat lil konvenut, u l-konvenut iddefenda lilu nnifsu u ghalhekk ma jistax jippretendi danni ghall-incident imqanqal mill-istess attur.

ii) Illi minghajr pregudizzju ghal kull espost, jigi eccepit li l-isfregju ma jikkonstitwix dizabilita`, salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kontro-talba ta' l-istess konvenut illi fiha wara li premetta illi fis-27 ta' Awissu 1993 l-attur Osea Micallef, hebb u sawwat lill-konvenut Charles Tonna bil-konsegwenza li l-konvenut Charles Tonna sofra danni f'wiccu meta inkisirlu mniehru u jbati bil-vista minhabba daqqiet li qala' f'ghajnejh;

Illi l-attur Osea Micallef kien responsabbli ta' l-istess incident u ghad-danni li sofra l-istess konvenut Charles Tonna;

Illi l-attur Osea Micallef ghalkemm interpellat biex jersaq il-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni kagunati lil konvenut Charles Tonna, huwa baqa' inadempjenti;

Talab ghalhekk biex ighid lil istess attur Osea Micallef, ghaliex dina l-Qorti m'ghandiex :

1. Tiddikjara lill-attur Osea Micallef, responsabbli ghad-danni sofferti konsegwenza ta' l-incident li sehh fis-27 ta' Awissu 1993, f'liema incident, il-konvenut Charles Tonna sofra dizabilita f'imniehru u ghajnejh b'rizultat tad-daqqiet li qala' mill-attur.
2. Tillikwida d-danni, li sofra l-istess konvenut Charles Tonna, rizultat ta' l-incident fuq indikat, tas-27 ta' Awissu 1993.
3. Tikkundanna lill-attur Osea Micallef, ihallas lill-konvenut Charles Tonna id-danni fuq likwidati. L-ispejjez kontra l-attur u ingunt ta' esebizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur Osea Micallef, ghall-kontro-talba ta' Charles Tonna li fiha ecepixxa:

1. Fl-ewwel lok il-preskrizzjoni ta' sentejn, li maturat fis-27 ta' Awissu 1995, li ma giet bl-ebda mod interotta;
2. Fit-tieni lok, it-talba hija nfondata, fil-fatt u fid-dritt peress li Osea Micallef, ma kkaguna l-ebda dannu lil Charles Tonna anzi kien Charles Tonna, li kkawzalu d-danni.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, kemm dawk referibilment tac-citazzjoni u l-eccezzjonijiet, kif ukoll dawk tal-kontro-talba u l-eccezzjoni relattiva.

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghat il-partijiet, u x-xhieda li huma ressqu;

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet li prezentaw id-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza, tirreferi ghall-incident, li sehh fil-27 ta' Awissu 1993 fil-pjazza tar-Rutunda fil-Mosta, meta iz-zewg partijiet kienu qed isuqu il-vetturi rispettivi taghhom, u iltaqghu f-inkrocju fl-istess pjazza. F'dak l-incident, ghalkemm l-ebda karozza ma habtet ma ohra, il-partijiet skambjaw kliem xejn sbieh fid-direzzjoni ta' xulxin u wara spiccaw fl-idejn. F'dak l-incident, sofrew griehi kemm l-attur kif ukoll il-konvenut. Iz-zewg partijiet taw verzjonijiet differenti ta' kif gara l-incident, fis-sens li filwaqt li l-attur jitfa' t-tort kollu fuq il-konvenut, il-konvenut da parti tieghu jghid li hu kien gie provokat mill-attur, u kien l-attur l-ewwel persuna li aggredietu.

L-attur jghid li meta ltaqghu fl-inkrocju ta' l-imsemijja pjazza, inzertaw li hargu ghall-pjazza fl-istess hin, u ghal naqra ma habtux. L-attur, anzi, haseb li z-zewg vetturi kienu habtu ma xulxin, u skond hu, waqaf f'dak l-inkrocju u nizel mill-karozza biex jara jekk kellux xi hsara fl-istess karozza tieghu. F'dak il-mument, meta kien barra mill-karozza, il-

konvenut nizel mill-karozza tieghu u hebb ghalih. Il-konvenut da parti tieghu jaghti verzjoni differenti u jghid li meta ltaqghu fl-inkrocju, l-attur spicca ghajjru u anki ndirizza kliem hazin fil-konfront tieghu u ghalkemm hu ried jibqa sejjer, l-attur ibblokkalu t-triq, nizel mil-karozza u mmedjatament mar fid-direzzjoni tieghu u xejjirlu daqqa ta' ponn waqt li kien ghadu fis-seat tieghu. Il-konvenut, imbaghad hareg mill-karozza u biex jiddefendi ruhu, anki hu xejjer xi daqqiet ta' ponn fid-direzzjoni ta' l-attur, bir-rizultat li soffrew danni it-tnejn li huma.

Ikkunsidrat:

Li kif inhu maghruf, f'kawza li ssir, l-attur irid jipprova dak li jippremetti fic-citazzjoni. F'din il-kawza, tista' tghid ghandna zewg atturi, peress li l-konvenut ressaq kontro talba, u t-tnejn li huma jallegaw li l-incident in kwistjoni kien rizultat tal-provokazzjoni jew agir vjolenti da parti tal-parti l-ohra. It-tnejn taw verzjoni differenti ta kif gara l-incident, u difficli, minn dak li ntqal f'din il-kawza, li l-Qorti tasal ghall-konkluzjoni dwar min minnhom kien qed jghid il-verita'. Kif inghad, f'din il-kawza, il-piz qieghed fuq iz-zewg partijiet; l-attur irid jipprova li kien il-konvenut li kkagunalu il-hsara, waqt li l-konvenut irid jipprova wkoll li kien l-attur li kkagunalu l-hsara li minnu qed jilmenta. Zgur hu li, f'din il-kawza, il-partijiet gew fl-idejn u t-tnejn sofrew griehi u m'ghandux ikun hemm dubju li l-attur ikkaguna griehi li konvenut, u l-konvenut ikkaguna griehi

lill-attur. Il-problema li din il-Qorti taffaccja, hija biex tiddeciedi b'rizultat ta' min sehh l-incident, ghax jekk jirrizulta li wiehed minnhom ipprovoka l-incident, u kien hu li kkaguna l-isfrakass kollu, allura ovvjament il-piz ta' dik il-persuna, tkun wahda aktar gravi. Sfortunatament, f'din il-kawza ma hemmx provi independenti okkulari li raw l-incident. Ix-xhieda, huma il-partijiet u l-familjari taghhom, u Pulizija u tobba, li ma kienux prezenti meta sehh l-incident. L-attur, waqt li kien qed jixhed, isemmi lil certu Jimmy Fenech, li milli jidher ra l-incident u xehed anki fil-proceduri kriminali li ttiehdu kontra z-zewg partijiet. (ara xhieda ta' l-attur a fol 29 tal-process). Dan Jimmy Fenech, pero` ma giex mressaq biex jixhed f'din il-kawza.

L-attur, f'din il-kawza, jipprova jitfa dubji fuq ix-xhieda tal-konvenut; hekk per ezempju il-konvenut jghid li, wara l-incident, huwa baqa' sejjer biex jaghmel rapport fl-ghassa tal-Qawra, u l-attur isaqsi ghaliex mar fl-ghassa tal-Qawra, u mhux tal-Mosta meta l-incident sehh vicin l-ghassa tal-Mosta. Il-konvenut, pero` jaghti spjegazzjoni li fil-fehma tal-Qorti hi plawzibbli, fis-sens li, wara l-incident, kien ghadu ecitat u kien qed jibza mill-attur, allura l-ewwel hsieb tieghu kien li jitlaq il-boghod mill-post fejn sehh l-incident. Huma kienu sejrin fid-direzzjoni tal-Qawra, allura baqghu sejrin f'dik id-direzzjoni, u mbaghad mar fl-ghassa tal-Qawra, fejn ghamel rapport. Dan ir-rapport ma giex prodott f'din il-kawza, mhux

ghax il-konvenut ma riedx jipproduci l-istess rapport, imma ghax milli jidher gie intilef mill-Pulizija, forsi, sakemm dan ir-rapport ittiehed mill-ghassa tal-Qawra, ghal dak tal-Mosta. Pero`, Pulizija mill-ghassa tal-Qawra ikkonferma li l-konvenut ghamel rapport.

Il-partijiet ukoll ippruvaw jitfghu dubji dwar it-tezi ta' xulxin, rigwardanti c-certifikat mediku li huma prezentaw fl-atti ta' din il-kawza, dwar in-natura tal-griehi li huma sofrew u jekk kienux kompatibbli ma l-incident u ma daqqiet li qalghu. Fl-atti ta' din il-kawza, tinsab esebita ukoll kopja tas-sentenza li tat il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, allura preseduta mill-Magistrat Dr. Noel Cuschieri, fil-kawza li l-Pulizija kienu hadu kontra l-konvenut Charles Tonna. Il-kopja ta' din is-sentenza, tinsab esebita a fol 66 tal-process. Din is-sentenza inghatat fit-30 ta' Jannar 1995. Il-proceduri ta' dik il-kawza kienu bdew ftit wara li sehh l-incident, u kif inghad, jidher li f'dik il-kawza, xehed anki persuna okulari, li ma xehedx f'din il-kawza. Dik il-Qorti, kienet ukoll rinfaccata, b'zewg verzjonijiet kontrastanti ta' l-incident. Tajjeb jinghad ukoll, li f'dik il-kawza l-attur Osea Micallef, kien ha parti attiva f'dik il-kawza bhala parti civili, u kien mhux biss xehed imma kien anki ressaq, u ddefenda il-kaz tieghu. Dik il-Qorti, wara li ezaminat il-provi prodotti, waslet ghall-konkluzjoni li l-incident sehh fil-mod li se jinghad. Skond dik il-Qorti tal-Kriminal, meta Tonna kien ghaddej minn

Main Street, Mosta, hekk kif wasal fuq l-iStop sign, quddiem il-Knisja tal-Mosta, huwa lemah il-karozza ta' Osea Micallef, li kienet ghada wieqfa go Eucharistic Congress Street quddiem iz-zebra crossing. Tonna haseb li seta' jghaddi u saq; fl-istess hin saq Micallef, b'rizultat li l-vetturi kwazi habtu f'xulxin. Micallef deher irrabjat, u sehhet tilwima verbali, bejn il-partijiet. Hin minnhom dan Micallef saq ftit il-fuq, hareg mill-van tieghu u mar fid-direzzjoni ta' Tonna, li sa dak il-hin kien ghadu fil-karozza. Fil-pront l-imsemmi Micallef, xejjer daqqa ta' ponn lil Tonna, li min-naha tieghu malli ra hekk, fetah il-bieba, inbuttah, hareg mill-karozza u beda jxejjirlu bil-ponn. Rizultat ta'dak l-incident, Micallef sofra griehi f'wiccu, li l-Qorti kwalifikat bhala sfregju, a tenur ta' l-artiklu 216 tal-Kapitolu disgha, filwaqt li Tonna, sofra ksur f'imniehru, tant li kellu bzonn ta' intervent kirurgiku. Minn din id-deskrizzjoni ta' l-incident li tat il-Qorti Kriminali, jidher li fil-fehma taghha kien Micallef l-ewwel persuna li aggredixxiet lil Tonna, u Tonna, da parti tieghu, rreagixxa billi hu imbaghad hebb, u ta daqqiet ta' ponn, lil Micallef. Fil-fatt il-Qorti kkonkludiet ukoll li l-provi, juru li Tonna agixxa ghall-aggressjoni bl-aggressjoni, b'rizultat li kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Osea Micallef. F'dik il-kawza, l-Qorti sabet lil Tonna responsabbli ghall-griehi li sofra Micallef, fis-sens li hu, meta agixxa in legittima difesa, mar oltre semplici difisa tieghu nnifsu, u kien attakka lil Micallef b'mod aktar agressiv. Il-Qorti, fil-fatt ikkonkludiet, li Tonna kien agixxa kawza ta'

provokazzjoni konsistenti f'aggressjoni ingusta da parti ta' Micallef fil-konfront tieghu. Din il-Qorti qed issemmi din is-sentenza, ghax thoss li dik il-Qorti, li semghet il-provi tal-kaz ftit wara li sehh l-incident ghamlet apprezzament tajjeb tax-xhieda, li inghatat ftit wara li sehh il-kaz. Dik id-decizjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, tista' titfa' dawl fuq kif fil-fatt sehh dan l-incident in kwistjoni. Kif inghad, f'din il-kawza hemm provi konfligenti u kien ikun facli li kieku ghall-Qorti tghid li hadd mill-partijiet ma pprova l-kaz tieghu u b'hekk tichad it-talbiet, kemm ta' l-attur kif ukoll tal-konvenut, in kontro-talba, pero`, fid-dawl ta' din is-sentenza tal-Qorti Kriminali, li, kif inghad, semghet ix-xhieda hi stess viva voce, u in oltre semghet ix-xhieda ta' persuni indipendenti, li ma xehdux f'din il-kawza, din il-Qorti, thoss li ghanda taghti piz lill-konkluzjoni li waslet ghaliha dik il-Qorti, fis-sens li dik id-decizjoni ghandha tghin lil din il-Qorti biex tasal ghal konkluzjoni taghha dwar kif sehh l-incident. Infatti din il-Qorti, wara li ezaminat aktar fid-dettal il-provi mressqa u ezaminat id-dokumenti esebiti, inkluz il-kumment tal-Qorti f'dik il-kawza, tasal ghall-konkluzjoni li ukoll qed taqbel mal-Qorti Kriminali, dwar kif sehh l-incident. Dan fis-sens li l-incident sehh meta Micallef agredixxa lil Tonna, u tah daqtejn ta' ponn waqt li dan kien ghadu bilqeghda fil-karozza. Tonna da parti tieghu ireagixxa, hareg mill-karozza, imbotta lil Micallef bil-bieba tal-karozza u xejjirlu daqqiet ta' ponn f'wiccu, biex b'hekk ikkaguna griehi lil Micallef. Din il-Qorti taqbel mal-Qorti Kriminali, fis-sens li Tonna, mar

oltre dak li kien mistenni minnu in legittima difesa, u ghalhekk, sa certu punt, Tonna huwa responsabbli ghal griehi li sofra Micallef.

Il-konkluzjoni ta' din il-Qorti dwar ir-responsabbilta' ta' l-incident hija s-segwenti:

Ghall-griehi li sofra Micallef, ir-responsabilta ghandu jsoffriha Tonna, pero`, bil-grad indaqs bhall-Micallef, ghax filwaqt li Micallef kien li pprovoka l-incident u filwaqt li Tonna kellu dmir, biex nghidu hekk, jiddefendi ruhu, dan pero` mar oltre, dak li kien rikjest minnu f'dak il-mument ta' l-incident, u ghalhekk ghall-griehi li sofra Micallef, ghandhom ibaghatu z-zewg partijiet fil-grad indaqs. Il-kontribitwita tal-vittma, ghall-hsara li sofra huwa stess, hija accettabli kemm fil-ligi kif ukoll fil-gurisprudenza. F'dan il-kaz il-Qorti, thoss li kien hemm kontribuzzjoni kbira da parti ta' Micallef ghall-griehi li sofra huwa stess. Din il-kontribuzzjoni hija rizultat tal-fatt li kien hu stess li pprovoka l-incident u hebb ghall-Tonna, billi tah daqqa ta' ponn. Ghalhekk, ghal dak li tirrigwarda t-talba ta' l-attur Micallef biex il-konvneut jigi dikkjarat responsabbli ghad-danni li huwa sofra, din il-Qorti thoss li r-responsabbilta, ghandha tigi maqsuma bejn l-istess partijiet, nofs kull wiehed.

Fir-rigward tat-talba illi ghamel Tonna, biex Micallef jigi kundannat responsabbli ghal incident li huwa sofra, din il-Qorti thoss li t-talba tieghu ghanda tigi milqugha in toto fis-sens li ghall-griehi li sofra Tonna, ghandu jbatihom kollha kemm hu Micallef, peress li kien hu li hebb ghal, u xejjer daqqiet ta' ponn fil-konfront ta' Tonna.

Ghalkemm din id-decizjoni tista' tidher ftit stramba fis-sens li ghall-istess incident, il-partijiet qed ikunu dikkjarati responsabbli, fil-konfront ta' Micallef, fil-grad indaqs, u fil-konfront ta' Tonna, ir-responsabbilta' qed tinxtehet kollha fuq Micallef, din l-ispartizzjoni tar-responsabbilta', mhux qed issir biex jigi deciz min hu responsabbli ghall-incident, izda biex jigi deciz min hu responsabbli ghad-danni li soffrew il-partijiet. Il-Qorti thoss li responsabbli ghall-incident huwa l-attur, izda ghad-danni rizultanti, ghandu jerfa' ir-resposnabbilta' tieghu l-konvenut ukoll. Ghad-danni li sofra l-attur Micallef huma responsabbli iz-zewg partijiet, ghax ghalkemm Micallef ipprovoka l-incident, Tonna deher li kien agressiv aktar minn Micallef, bil-mod ta' kif spiccat il-glieda, fis-sens li Tonna, deher li xejjer daqqiet b'mod aktar vjolenti, milli kien ghamel Micallef. B'hekk ghall-griehi li sofra Micallef, ghalkemm provokhom hu, dawn kienu rizultat ukoll ta' agressjoni inproporzjonata da parti ta' Tonna. Ghalhekk ghall-griehi li sofra Micallef, il-Qorti thoss li r-responsabilita ta' Tonna hija biss fil-grad tan-nofs. Min-naha l-ohra ghall-griehi li sofra

Tonna, huwa responsabbli kollu kemm hu, Micallef, precizament, ghax Micallef ipprovoka l-glieda, bdieha hu u kien hu li xejjer daqqiet fuq Tonna, minghajr ma kellu ghalfejn.

Fi kliem iehor, Micallef beda l-glieda, u Micallef ta d-daqqiet u wegga' lil Tonna u ghalhekk ghal griehi li sofra Tonna ghandu jbaghti Micallef. Micallef da parti tieghu sofra griehi kbar b'rizultat tal-fatt, li Tonna ireagixxa b'mod disproporzjonat, ghal dak li kien qed jigri f'dak il-mument, u ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, Micallef ghandu jigbor parti mid-danni li sofra minghand Tonna.

Dwar id-danni li sofrew il-partijiet, mill-atti tal-kawza, jirrizulta li l-attur Osea Micallef twieled fl-1964 u dak in-nhar ta' l-incident kellu 29 sena. Hu ma kienx qed jahdem, u quindi qed jipretendi kumpens a bazi tal-paga minima nazzjonali. Id-dizabilita' tieghu giet stmata li hija ta' 3%. Tonna, da parti tieghu, twieled fin-1968 u dak in-nhar tal-incident, kellu 25 sena. Huwa qed jitlob kumpens a bazi ta' paga gross li kellu dak iz-zmien ta' l-incident, li kienet ta' LM4,080. Wara l-incident, dan Tonna waqaf jahdem. Id-dizabilita' tieghu giet limitata ghall-2%, skond l-esperti medici li xehdu f'din il-kawza. Ghall-kalkulazzjoni tad-danni sofferti minn persuna li sofriet il-griehi dawn il-Qrati isegwu d-duttrina, li giet l-ewwel darba espressa mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza "Butler vs Heard". Tul iz-

zmien, kien hemm diversi zviluppi dwar il-mod ta' kif il-kwantum ghandu jigi likwidat, pero`, in principju, il-formola li kienet hadmet fuqha il-Qorti ta' l-Appell, f'dik il-kawza, ghadu jghodd anki llum. Biex tinhadem il-formola, jehtieg li wiehed johrog multiplier biex jasal ghal figura globali tal-ammont ta' kumpens. Biex wiehed jasal ghall-figura ta' multiplier, igifieri ta' kemm hu mistenni li persuna fadlilha hajja lavorattiva, wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni dak li l-Qorti ddiskriviet bhala *c-Chances u c-Changes of Life.* Fis-sens li, persuna tul il-hajja lavorattiva taghha jista jkollha diversi incidenti li jnaqqsu, jew addirittura jwaqqfu, l-hidma lavorattiva ta' dik il-persuna.

Ghalhekk mehud in konsiderazzjoni l-fatt, li Micallef dak in-nhar ta' l-incident kellu 29 sena, il-Qorti, fil-konfront tieghu, taddotta multiplier ta' 25, filwaqt li fil-konfront ta' Tonna, li dak in-nhar ta' l-incident kellu 25 sena, il-Qorti tadotta multiplier ta' 30. Bhala paga, il-Qorti tista' timxi fil-konfront taz-zewg partijiet, fuq paga ta' LM50.00 fil-gimgha, dan peress li l-prova dwar kemm fil-fatt huma jaqalghu huma xotti hafna. Li hu zgur hu li t-tnejn ghandhom potenzjalita li jahdmu.

Ghalhekk, mehud kont tal-paga minima nazzjonali u z-zidiet li se jkun hemm f'dik il-paga, il-Qorti thoss li paga ta' LM50.00 fil-gimgha ghaz-zewg partijiet hija bazi realistika fuq xiex wiehed jista jahdem il-

kumpens. Ghalhekk fil-konfront ta' Micallef, id-danni li dan ghandu jiehu tinhadem hekk: LM50.00, x 52, x 25, x 3%, = , LM1950.00. Filwaqt li fil-konfront ta' Tonna il-kumpens li dan ghandu jiehu jinhadem hekk: Lm50.00, x 52, x 30, x 2%, = , LM1560.00. Ghalhekk filwaqt li Tonna ghandu jiehu s-somma ta' LM1560.00, u dan minghand l-attur Osea Micallef, Micallef ghandu jiehu minghand Tonna, nofs is-somma ta' LM1950.00, cioe` LM975.00, bhala sehmu ghall-griehi li sofra Micallef minghand Tonna.

Ghaldaqstant din il-Qorti tiddeciedi li din il-kawza billi filwaqt li tiddikjara l-attur bhala l-persuna responsabbli ghall-incident, riferibilment ghat-talbiet ta' l-attur, tiddikjara li l-konvenut Tonna huwa responsabbli fi grad ta' nofs ghad-danni li sofra l-istess attur Osea Micallef, tillikwida ta' dawn id-danni li sofra Osea Micallef, fis-somma ta' LM1950.00 u tikkundanna lill-konvenut Tonna, jhallas lill-attur nofs din is-somma cioe is-somma ta LM975.00. Ghar- rigward tal-kontro talba tal-konvenut, il-Qorti ttiddikjjara lill-attur Micallef responsabbli ghal griehi li sofra l-imsemmi Tonna, tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' LM1560.00, u tikkundanna lil Micallef ihallas lil Tonna dik is-somma ta' LM1560.00. Peress li bejn dawn iz-zewg krediti, topera tpaccija, peress li issa z-zewg ammonti gew kristalizzati, ir-rizultat finali huwa li l-attur Micallef, ghandu jhallas lill-konvenut Tonna, id-differenza bejn iz-zewg ammonti

u cioe`, is-somma ta' LM585.00, u ghalhekk, finalment, tiddisponi mit-talbiet u l-kontro-talbiet billi tikkundanna lill-imsemmi l-attur Osea Micallef ihallas lill-konvenut Charles Tonna dik is-somma bilancjali ta' LM585.00. L-ispejjez tal-kawza jithallsu, kwantu ghall-tlett kwarti mill-attur Osea Micallef, u kwantu ghall-kwart mill-konvenut Charles Tonna.

**IMHALLEF**

**D/REG**